MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 1341/2005/1

**Galscer & Bilom Ltd**

**vs**

**Anthony u Doris Azzopardi u S. N. Properties Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Novembru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsuha s-somma ta' elf erba' mija u sittax-il lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm1,416,98), illum ammontanti ghal tlett elf u tlett mitt Euro u tmienja u sittin centezmu (Euros 3, 300.68), rappresentanti l-prezz ta' kamra tal-

banju, madum u diversi accessorji affini lilhom jew lil min minnhom mibjugha u konsenjati, bl-ispejjes kollha, inkluz dawk tal-ittra interpellatorja tal-31 ta' Mejju, 2005 (Lm11.80, u llum ekwivalenti ghal €27.49) illi ghaliha hadd mill-konvenuti ma pprezenta risposta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet preliminarjament li s-socjeta' S.N. Properties Limited m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u per konsegwenza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minnufih a spejjes unikament tas-socjeta' attrici.

Illi l-istess socjeta' konvenuta eccepiet ukoll li, minghajr pregudizzju ghal eccezzjoni ta' qabel, kien hemm arrangjament bejn certu Alex Mercieca u s-socjeta' attrici, li s-socjeta' eccipjenti tinghata kreditu ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1,100), u cioe' llum ekwivalenti ghal elfejn, hames mija u tnejn u sittin Euro u wiehed u tletin centezmi (€2,562.31).

Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Ra r-risposta ta' Anthony u Doris Azzopardi li eccepew illi preliminarjament m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u dan a spejjes tal-istess socjeta' attrici.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, meta l-konvenuti Anthony Azzopardi u Doris Azzopardi xtraw l-oggetti kif indikat fit-talba, huma nghataw rcevuta ghas-saldu.

Illi, di piu', kien hemm ftehim bejn Alex Mercieca u s-socjeta' attrici li s-socjeta' konvenuta tinghata kreditu ta'elf u mitt lira Maltin (Lm1,100), u cioe' llum ekwivalenti ghal elfejn, hames mija u tnejn u sittin Euro u wiehed u tletin centezmu (€2,562.31).

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta’ Carmelo Galea li huwa Direttur tas-socjeta’ attrici. Huwa jiggestixxi hanut minn fejn jinbieghu affarijiet tal-kmamar tal-banju, kif ukoll madum.

Ix-xhud ikkonferma li hu kien jaf lil George Portelli, li huwa Direttur tas-socjeta’ konvenuta, liema socjeta’ hija involuta fin-negozju tal-proprjeta’. Kien hemm ftehim ma’ Portelli li meta jitlesta l-bini u l-istess bini jinbiegh, ghandu jinforma l-kumpratur bil-qisien tal-madum tal-kamra tal-banju. Ordnaw minghandu kemm Portelli, kif ukoll Azzopardi. Lil Azzopardi, Portelli kien taha d-dritt li tmur tordna hi stess.

Wara li saret l-ordni, Galea jispjega li kienu kkonsenjaw lil Azzopardi l-madum u qatt ma rcevew xi *complaint* fuqu.

Ighid li s-socjeta’ konvenuta kienet bieghet l-appartament lil Azzopardi, izda s-socjeta konvenuta baqghet ma hallsitx u minkejja li baghtu diversi ittri interpellatorji lil Portelli, baqghu bla risposta.

Galea jkompli jispjega li meta kkonsenjaw il-materjal ma kien ghadu lest xejn fil-post u fil-fatt Azzopardi kellhom kuntratt li kellhom jiehdu *loan* sabiex ihallsu l-kuntratturi u fornituri ta’ l-affarijiet biex jigu kompletati.

Ra x-xhieda ta’ Marielise Camilleri li hija Segretarja tas-socjeta’ attrici u tikkonferma li kien hemm kont pendenti f’isem S.N. Properties Limited. Meta kkomunikat mas-socjeta’, din qaltilha li kellha thallas Doris Azzopardi u mhux is-socjeta’. Meta x-xhud cempel lil Anthony Azzopardi dan qalilha li kellha thallas Doris Azzopardi u qalilha ukoll li kien hemm kuntratt

f’dan is-sens, izda tghid li ma kienet sabet xejn minn dan fil-kuntratt.

Tikkonferma li minkejja li ntbaghtu ittri ufficjali baqghu bla risposta.

Ra x-xhieda ta’ Silvio Agius li jahdem mas-socjeta’ attrici bhala *Deliveryman*. Jikkonferma li hu kien kkonsenja xi madum tal-kamra tal-banju, kif ukoll il-kamra tal-banju f’post San Pawl il-Bahar. Kien mar l-Imghallem tieghu mieghu u kellhom ihottu billi gabu *high up*.

Ighid li l-uniku *complaint* li kellhom kien rigward it-*toilet seat*.

Ra x-xhieda ta’ Doris Azzopardi li esebiet rcevuta fuq l-infiq taghha biex ghamlet l-*upgrading*. Tispjega li meta ghamlet il-ftehim ma’ George Portelli, Direttur ta’ S.N. Properties Limited, kienu ftehmu fuq tlett liriMaltin (Lm3), u llum ekwivalenti ghal sitt Euro u disgha u disghin centezmu (€6.99), kull metru kwadru ghall-madum tal-*flat* kollu u seba’ liri Maltin u hamsin centezmu (Lm7.50), u cioe’ llum ekwivalenti ghal sbatax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€17.47), ghall-kamra tal-banju.

Tghid ukoll meta skorriet dan l-ammont hi kienet hallsitu u dan kien fl-ammont ta’ tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm340), u cioe’ ekwivalenti ghal seba’ mija u wiehed u disghin Euro u disgha u disghin centezmu (€791.99) li huma *extras*.

Tghid li kienet xtrat il-post b’kollox inkluz u kienet hallset *cash*, filwaqt li r-ragel kien ha parti self mill-bank

Fil-fatt, ix-xhud tispjega li hi kienet hallset l-ammont ta’ tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm340), u cioe’ ekwivalenti ghal seba’ mija u wiehed u

disghin Euro u disgha u disghin centezmu (€791.99) bhala *extras*.

Tghid li kienet obbligata, meta akkwistat, li tixtri l-*bathrooms* minghand Quality Bathrooms u ma tistax tilmenta ghax-xoghol li tawhom. Tghid li qatt ma kienet semghet b'Galscer & Bilom Ltd u kien George Portelli li kien baghatha ghand Quality Bathrooms

Tghid li kienet xtrat madum bil-qisien kif miftiehem, izda irceviet il-kont fuq il-kamra tal-banju.

Tikkonferma ukoll illi l-ammont ta' seba' mija u hamsin lira Maltin  (Lm750), u cioe' llum ekwivalenti ghal elf, seba' mija u sebgha u erbghin Euro u tlett centezmi (€1,747.03), kienu inkluzi mal-post meta l-konvenuta hallset lil George Portelli u dawn kien il-kreditu li kellha sabiex jintefqu fuq il-*bathrooms*.

Kienet imbaghad bdiet tinnegozja ma' certa Donna li kienet *Salesgirl* u kienet infurmatha li kienet eccediet l-ammont bi tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm340), u cioe' llum ekwivalenti ghal  u cioe' ekwivalenti ghal seba' mija u wiehed u disghin Euro u disgha u disghin centezmu (€791.99). Dawn kellhom jithallsu *cash on delivery.*

In-negozju nghalaq u kien hemm xi kwistjoni dwar xi dokumentazzjoni li kellha ghand il-Quality Bathroom u dawn ma nstabux ghax sadanittant kienu ghalqu l-hanut.

Ma setghetx tikkonferma jekk il-konvenju kien fih dettalji fejn kien jirrigwarda dawn l-ispejjes tal-*bathroom*.

Tikkonferma li meta hallset l-ammont ta' tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm340), u cioe' llum ekwivalenti ghal  u cioe' ekwivalenti ghal seba' mija u wiehed u disghin Euro u disgha u disghin

centezmu (€791.99), dan kien *in full and final settlement* u dan ghaliex George Portelli kien ikkonfermalha li kien hallas l-ammont ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750), u cioe’ llum ekwivalenti ghal elf, seba’ mija u sebgha u erbghin Euro u tlett centezmi (€1,747.03). Il-konvenuta ma kienitx f’posizzjoni li tikkonferma l-ammont totali li kienet tellghet, kienet biss is-*Salesgirl* li kienet infurmataha li kellha thallas, oltre l-ammont ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750), u cioe’ llum ekwivalenti ghal elf, seba’ mija sebgha u erbghin Euro u tlett centezmi (€1,747.03), l-ammont ta’ tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm340), u cioe’ llum ekwivalenti ghal seba’ mija u wiehed u disghin Euro u disgha ui disghin centezmu (€791.99).

Ra x-xhieda ta’ Gorg Portelli li ighid li hu kien jinnegozja ma’ Doris Azzopardi minkejja li l-post kien inxtara mit-tifel taghha. Ighid li skond il-kuntratt kien gie miftiehem li hi kellha massimu ta’ (Lm3), u llum ekwivalenti ghal sitt Euro u disgha u disghin centezmi (€6.99), kull metru kwadru, inkluz il-Vat u kien hemm massimu ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750), u cioe’ ekwivalenti u cioe’ llum ekwivalenti ghal elf, seba’ mija u sebgha u erbghin Euro u tlett centezmi (€1,747.03), tal-*bathroom ensuite*.

Jikkonferma li kienu xtraw affarijiet ohra, oltre dak miftiehem fil-kuntratt u ta’ dan kellhom ihallsu huma.

Ix-xhud jispjega li kellu sistema ta’ *bartering* mas-socjeta’ attrici, fis-sens li jekk ikollu *credit notes* kien ighaddihom lis-socjeta’ attrici u meta jbiegh fil-kuntratt ikollu l-limiti. Meta l-bejgh jeccedi l-kreditu li jkollu mas-socjeta’ attrici kien ihallas id-differenza u jekk kien ikun ghad fadal kreditu kien ihallsu sabiex ikun hemm *bartering* iehor.

Fil-kaz ta’ Azzopardi jispjega illi bil-kreditu li kellu mas-socjeta’ attrici u b’dak li kellu jaghti lil Azzopardi kien gie kopert, u li kienu huma li kellhom ihallsu lis-socjeta’ attrici u jghid li ma jafx jekk kienx hemm xi rcevuta ghal dan il-hlas da parti ta’ Azzopardi.

Ighid li ghalkemm qabel kien jaghmel in-negozju ma’ persuni ohra mis-socjeta’ attrici, kienet cemplet xi Skrivana ohra li kienet infurmatu li kien hemm xi bilanc dovut mis-socjeta S & N Properties Ltd., izda hu cahad dan.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Is-socjeta’ attrici fethet kawza kontra tlett (3) konvenuti – iz-zewg Azzopardi u S.N.Properties Limited. Ta’ l-ewwel akkwistaw il-post minghand is-socjeta’ konvenuta li minn naha taghha kienet allura proprjetarja tal-post mibjugh.

Il-konvenuti bejniethom ma jaqblux min minnhom kien responsabbli ghal dan il-hlas.

Gie stabbilit li fil-konvenju ffirmat bejn il-partijiet fil-5 ta’ Gunju, 2002 kien gie miftiehem li l-*finishes*, kienu jinkludu fost ohrajn ceramika ta’ tlett liri Maltin (Lm3)-il metru f’wiehed mill-kmamar tal-banju u l-*ensuite* seba’ mija u hamsin liri Maltin (Lm750), u cioe’ ekwivalenti ghal elf, seba’ mija u sebgha u erbghin Euro u tlett centezmi (€1,747.03). (ara klawsola 19 a fol.43/44 tal-process)de.

Doris Azzopardi, omm il-kumpratur, li kienet tiehu hsieb in-negozjati, tikkonferma li hi kienet ghamlet l-ordni ma’ Quality Bathrooms li eventwalment saret Galscer and Bilom Ltd. skond kif kien miftiehem u oltre kienet ordnat xi *excess* li ghalihom kienet hallset madwar tlett mija u

erbghin liri Maltin (Lm340) u li ghalihom esebit rcevuta tal-pagament u l-istess rcevuta nharget minghand Quality Bathroom Centre Ltd.

George Portelli, ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, jikkonferma il-ftehim ghal dak li jirrigwarda l-madum u l-kamra tal-banju *ensuite* u jispjega li kien jahdem b'sistema ta' *bartering* mas-socjeta' attrici, u cioe' kien jahdem b'sistema ta' kreditu mas-socjeta' attrici. Ghalhekk isostni li l-ammont pretiz ma kienx dovut minnu u dan minhabba li kien thallas minhabba l-krediti li kellu u jekk kien hemm bilanc kien hallsu hu stess.

It-Tribunal josserva illi minkejja li kien hemm dan il-ftehim stipulat fil-konvenju ma jissemma xejn fil-kuntratt ta' akkwist u ghalhekk jassumi li kienu saru dawn ix-xogholijiet u *finishes* miftiehma meta Azzopardi akkwista l-appartament. Fil-fatt, il-konvenuta Azzopardi esebit rcevuta tal-flus li hallset zejda fuq il-kamra tal-banju u din kienet datata 17 ta' April, 2003 u l-kuntratt finali sar fis-16 ta' Lulju, 2003. Meta sar il-kuntratt ghalhekk kien hemm l-accettazzjoni li x-xoghol sar u fl-ebda hin ma tqajjmet xi kwistjoni li kien hemm xi debitu da parti tal-konvenuti Azzopardi.

It-Tribunal jinnota wkoll li l-*invoices* kollha prattikament ighajjtu lis-socjeta' konvenuta u ma hemmx indikazzjoni li l-ammonti kienu dovuti minn Azzopardi. Oltre minn hekk, fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta' konvenuta ma rnexxielhiex tipprova li fir-rigward tal-konsenja de quo kien sar hlas permezz ta' *bartering* u hallas xi differenzi. L-oneru tal-prova ta' dan kien jinkombi fuqha. Is-socjeta' attrici, minn naha taghha, gabet provi li jindikaw li kienu qed jippretendu l-hlas mis-socjeta' konvenuta u li kellha thallas Azzopardi kienet hallsitu. Inoltre anqas ma jikkonfermaw xi *credit system*, li kienu jintuza mas-socjeta' konvenuta.

Ghalhekk, billi min jallega irid jipprova, u f'dan is-sens, it-Tribunal ihoss li s-socjeta' konvenuta mhux biss naqset milli tissostanzja l-eccezzjoni taghha li ma kelliex relazzjoni guridika mas-socjeta' atrrici imma anqas ma irnexxiela tipprova, u konsegwentement, tikkonvinci lit-Tribunal li kienet saldat il-pagament ta' dak li kien dovut lis-socjeta' atrrici fir-rigward tal-konsenja *de quo*. It-Tribunal hu ukoll aktar propens li fir-rigward tat-tezi tas-socjeta' konvenuta, jemmen il-verzjoni tal-konvenuti Azzopardi u dan peress li l-verzjoni taghhom hija aktar kredibbli u attendibbli. Isegwi wkoll li ma jirrizultax li huma l-legittimi kuntradditturi tas-socjeta' attrici. Kwantu ghal dak li setghu xtraw *in excess* minghand is-socjeta' attrici, it-Tribunal huwa soddisfatt li ta' dan hallsu a saldu, u dan ikompli johroghom barra mill-kawza. In sostenn ta' dan kollu ukoll, il-konvenuta Azzopardi tikkonferma li qatt ma kienet taf bis-socjeta' attrici. Hi kienet dejjem ghamlet in-negozjati ma' Quality Bathrooms.

Ghaldaqstant, it-Tribunal fl-ewwel lok jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti Azzopardi u jilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes relattivi a kariku tas-socjeta' attrici li mill-provi kellha bizzejjed biex tkun konxja li ma kellhiex ghalfejn tharrikhom, jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u, konsegwentement jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett elf tlett mija u Euro u sitta u hamsin centezmu (€3,301.56), ekwivalenti ghal elf, erba' mija u sbatax-il lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1,417.36), rappresentanti l-prezz ta' kamra tal-banju, madum u diversi accessorji affini lilhom jew lil min minnhom mibjugha u kkonsenjati. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-31 ta' Mejju, 2005 (Lm11.80, u llum ekwivalenti ghal €27.49)  kontra l-istess socjeta' konvenuta.**"**

Is-socjeta` konvenuta S. N. Properties Ltd appellat minn din is-sentenza biex titlob ir-revoka taghha ghab-bazi tas-segwenti lmenti:-

1. It-talba attrici kellha tigi michuda ghaliex il-fatturi esebiti mis-socjeta` attrici jsejhu lis-socjeta` Quality Bathroom Centre u mhux lilha. Barra minn dan l-istess fatturi huma diretti lill-konvenuta Doris Azzopardi u dan jikkontrasta mal-posizzjoni assunta mis-socjeta` attrici illi din kellha x'taqsam maghha u mhux ma' l-imsemmija Doris Azzopardi;

2. Mid-dokumenti esebiti – konvenju u att pubbliku – ghalkemm jinghad fil-konvenju illi hi kienet responsabbli mill-*finishings* dan l-obbligu ma baqax jikkonfigura fl-att pubbliku;

3. Huwa inkonciljabbli dak ragunat mit-Tribunal illi sar hlas ghas-saldu minn Azzopardi meta dawn gew proprju mharrka wkoll mis-socjeta` attrici;

(4) Is-socjeta` attrici ma kkontrastatx l-allegazzjoni taghha ta' l-ezistenza ta' *credit note* skond l-arrangament li hi kellha ma' l-istess socjeta` attrici;

Il-kwadru li johrog mir-rizultanzi probatorji huwa approssimattiv dan li gej:-

1. Skond Carmelo Galea, direttur tas-socjeta` attrici, l-arrangament li s-socjeta` appellanti kellha mas-socjeta` attrici kien fis-sens illi meta jinnegozja post ghal bejgh jiftiehem mal-kompraturi dwar certu qisien tal-madum u l-kamra tal-banju. F'dan il-kaz hekk sar. Ara xhieda ta' dan ir-rapprezentant a fol. 14;

2. Gorg Portelli, rapprezentant tas-socjeta` appellanti jikkonferma dan l-arrangament pero` jzid jghid li "ma' Galscer & Bilam Ltd ghandi ftehim ta' *bartering*" (ara deposizzjoni tieghu a fol. 69). F'dan il-kuntest jissokta jispjega illi "li jigri huwa jekk ikolli xi *credit note* dan ma nghaddihx lill-klijenti izda nghaddih lis-socjeta` attrici u

b'hekk dawn iziduli l-kreditu u mbaghad f'dak il-kaz jien nibghat lill-klijenti biex huma jonfqu sal-limitu li hemm stipulat fil-kuntratt u jekk imbaghad dan jigi maqbuz (il-kreditu) jien ikolli nissetilja d-differenza";

3. Il-konvenuta Doris Azzopardi (fol. 39) tghid illi skond l-att tal-konvenju mas-socjeta` appellanti datat 5 ta' Gunju, 2002 (ara kopja tieghu a fol. 41) din is-socjeta` kellha tiehu hsieb il-*finishings* fil-fond komprat. *Inter alia*, madum ceramika ta' Lm3-il metru kwadru u kamra tal-banju *en suite* (Lm750). Ix-xhud taccetta li din l-ahhar cifra skorrietha bi Lm340 u hi ghaddiet biex thallas direttament lis-socjeta` attrici din is-somma (ara ricevuta a fol. 45). Dejjem skond din ix-xhud dan il-hlas minnha kien "*in full and final settlement*" (ara xhieda taghha in kontro-ezami a fol. 80);

4. Sew il-madum kif ukoll il-kamra tal-banju gew ikkonsenjati u s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas relattiv ghalihom;

Premessi dawn il-provi, huwa apparenti mill-kontenut ta' l-aggravji illi dawn mod jew iehor jirriflettu l-linja difensjonali assunta mis-socjeta` appellanti quddiem it-Tribunal fis-sens illi hi ma kellha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u, f'kull kaz, li ma' l-istess socjeta` attrici kien hemm l-arrangament tal-*bartering* bis-sistema tal-*credit note*;

Gja f'sentenzi anterjuri taghha din il-Qorti kienet spjegat illi "b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralita ta' atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar". Ara a propozitu "**Salvu Fenech *nomine* -vs- Karl Bonello *et***", Appell Inferjuri, 31 ta' Ottubru, 2007. Huwa minn tali relazzjoni guridika li, fil-kaz ta' kontroversja, tiddixxendi r-relazzjoni processwali;

Issa huwa veru li, tnehhi dawk a fol. 29, 30, 36 u 37 li espressament jindikaw l-isem tas-socjeta` attrici, il-fatturi

l-ohra huma intestati fl-isem Quality Bathroom Centre Ltd. B'danakollu, imbaghad, l-inferenza li tinzel mill-korp tal-provi ma tistax ma tkunx dik illi l-*items* raffigurati b'dawk l-istess fatturi kienu fir-realta appartenenti lis-socjeta` attrici li fil-gestjoni taghha kellha x-*showroom* Quality Bathrooms Centre, Tarxien (ara xhieda ta' Carmelo Galea, fol. 14). Effettivament, ir-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti mhux biss ma jaghmel ebda disdetta ta' dawn l-istess fatturi diretti lis-socjeta` tieghu in referenza "Doris Azzopardi", talli *ex confessis,* kif gja rilevat fl-esposizzjoni tal-kwadru tal-provi, jammetti illi s-socjeta` appellanti kellha ftehim ta' *bartering* mas-socjeta` attrici, u mhux wkoll ma' xi socjeta` ohra. Kif drabi ohra ntqal "skond il-ligi tal-procedura l-ammissjoni bhala konfessjoni gudizzjarja hija *regina probationem* ("**Carmelo Bonnici *nomine* -vs- Ronald Farrugia *et***", Appell Civili, 26 ta' Ottubru, 1970), u dan igib li s-socjeta` appellanti ma tistax aktar tippretendi li ma kellhiex rapport guridiku mas-socjeta` attrici appellata. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi kompletament skartat;

It-tieni lment huwa mbaghad ghal kollox insostenibbli jekk mhux ukoll fieragh. Jirrizulta li l-att tal-konvenju hu datat 5 ta' Gunju, 2002. Jirrizulta wkoll, *ex facie* il-fatturi esebiti, illi l-konvenji saru fl-ewwel perjodu tas-sena 2003, tant li, ukoll, ir-ricevuta fis-somma ta' Lm340 (fol. 45) hi datata 17 ta' April, 2003. Il-kuntratt finali (ara kopja a fol. 58) hu datat 16 ta' Lulju, 2003. Li jfisser illi l-materjal – madum u *bathroom* – inxtraw, u presumibilment ukoll, twahhlu *in situ* qabel il-pubblikazzjoni tal-precitat kuntratt finali. La dan sar hekk, ragonevolment, ma kienx mistenni li jkun hemm ripetizzjoni f'dan il-kuntratt ta' l-obbligu ta' l-ikkompletar tal-*finishings* assunt mis-socjeta` appellanti bil-konvenju;

Riferibilment ghat-tielet aggravju jista' jkun li teknikament ma kellux ikun prezunt illi r-ricevuta a fol. 45 kienet tikkostitwixxi hlas ghas-saldu ghax kieku kien hekk is-socjeta` attrici ma kienetx tghaddi biex tharrek ukoll il-konvenuti Azzopardi. Minn naha l-ohra meta x-xhud Doris

Azzopardi esprimiet ruhha fis-sens illi b'dak il-hlas (Lm340) hi kienet issaldat l-*extra* fuq dak ikkonvenut bl-att ta' konvenju dan kellu jinftiehem fir-rapport *inter partes* mas-socjeta` appellanti. Wisq ragonevolment, x'ikkonvenew il-konvenuti bejniethom kien f'certu sens *res inter alios acta* ghas-socjeta` attrici, anke ghaliex skond Carmelo Galea, rapprezentanti ta' din is-socjeta` meta saret l-ordni kienu marru flimkien sija George Portelli ghas-socjeta` appellanti kif ukoll is-Sinjura Azzopardi (ara deposizzjoni tieghu a fol. 15). F'kull kaz is-socjeta` appellanti baqghet ma' spjegatx ghaliex, skond hi, dak il-hlas *extra* li sar mill-konvenuta Azzopardi ma kellux hekk jitqies "*in full and final settlement*", kif hekk minn din gie meqjus. L-unika sottomissjoni taghha fil-kuntest hi biss wahda kongetturata u spekulativa. Dan fejn tghid illi dak il-hlas "seta' kien bilanc minn prezz akbar li kien dovut mill-istess Azzopardi hekk kif fil-fatt kien il-kaz";

Issa bl-ahhar aggravju taghha s-socjeta` appellanti tikkontendi, kontra l-fehma tat-Tribunal, illi d-dikjarazzjoni ta' Gorg Portelli ta' l-ezistenza tal-*barter* ma gietx attakkata jew xorta ohra kontradetta. Dwar dan jibda biex jigi osservat illi meta konvenut jallega fatt pozittiv ghalih fix-xorta ta' kontrattazzjoni ma' attur dan il-fatt allegat u kostitwenti l-kontro-prova minnu offerta kellu jigi pprovat minnu ghaliex *reus excipiendo fit actor*. Tradott ghal kaz in ispecje is-socjeta` appellanti kellha, allura, l-obbligu li, b'mod cert, univoku u konklussiv, tipprova l-ezistenza ta' rapport bhal dak u li fuq kollox kien ghad hemm favur taghha, fil-mument li l-konvenuta Azzopardi xtrat il-madum u l-*bathroom*, "*credit note*" vigenti favur taghha. F'kelma wahda, kien jaggrava fuqha li tipprovdi c-certezza guridika li dak l-allegat *barter* kien estingwa l-kreditu vantat mis-socjeta` attrici. Intant, is-socjeta` appellanti la pproduciet "lil certu Salvu u skrivana ohra" ma' liema, skond George Portelli (fol. 70), is-soltu kien jinnegozja u lanqas lil certu Alex Mercieca, ghall-iskop tal-korroborazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni tieghu relattiva ghal "*barter*", u tal-prova tal-"*credit note*" (imprecizata fl-ammont) li suppost li giet realizzata meta s-socjeta` appellanti bieghet garaxx lill-imsemmi Alex Mercieca u dan xtara materjal minghand is-

socjeta` attrici. Ikollu jinghad illi f'qaghda bhal din is-socjeta` appellanti ma kellhiex tippretendi li t-Tribunal joqghod sempliciment fuq dik id-dikjarazzoni tar-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti ghaliex, ghalkemm hu veru li l-pagament ta' debitu jista' jigi pprovat b'kull mezz probatorju rikonoxxut, l-oneru tal-prova tar-rapport sottostanti li ggib l-estinzjoni tad-debitu kellu dejjem jigi pprovat minnha bi provi konkreti u konvincenti. *Multo magis*, meta dawn kienu hekk facilment prducibbli. Xort' ohra, dik id-difiza tas-socjeta` appellanti tithalla fi stat ta' incertezza u, tali, titraduci ruhha kontra taghha.

Ghal motivi kollha suesposti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------